MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 323/2008

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta’ Gunju tas-sena 1997 kemm civilment kif ukoll bir-rit kanoniku skond id-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. AS1;

Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela datat id-9 ta’ Mejju 2007;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi di piu', il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz odjern;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-15 ta' Gunju 1997 huwa null u bla effett legali ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' malta, u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, l-intimata ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi fil-kawza "**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**" (deciza fis-27 ta' Jannar, 2006), il-Qorti tal-Appell irriteniet illi:

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni*

*cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*”

Il-Qorti tibda biex tinnota li l-unika provi li ngabu f'din il-kawza kienu affidavit tal-istess rikorrenti u iehor ta' ohtu. Dawn ipingu relazzjoni turbolenti bejn mara fuq ruhha u ragel li jpingi lilu nnifsu bhala kwiet. Jghid li l-karattru ta' martu huwa wiehed dominanti u dejjem hekk kien.

“*Ghalkemm l-gherusija taghna kienet pjuttost normali, jiena niftakar li konna niggieldu ta' spiss, u fuq kollox, C hija bniedma headstrong hafna u t-tip li dejjem trid tghaddi taghha. Fil-fatt, f'kull argument li kien ikollna, ghid li nibqghu niggieldu sakemm inkun jiena li ncedi! Hija qatt ma kienet taghmel l-ewwel pass u tavvicinani u dejejm kelli nkun jiena li nitlob skuza... anke fejn assolutament ma kellix tort.*”

Sa minn qabel iz-zwieg, hu kien ben konxju fuq il-karattru ta' martu. Sahansitra missierha wissieh:

“*jiena minn dejjem kelli relazzjoni tajba ma' missierha, li kien bniedem kwiet u tal-affari tieghu. Darba minnhom, ftit xhur qabel izzewwigna, huwa gie u sabni wahdi. Qalli, “ibni inti taf x'ha taghmel b'idejk?” jiena ssummajt u bqajt imbellah. Niftakar qisu l-bierah meta kompla u qalli, “dawk [b'referenza ghal C u ommha] klieb – tista' tistaqsi ghalihom gol-Mosta”. Jiena, ghalkemm kont naf li missierha kien qed ikellimni b'mod genwin, hsibt li forsi hu kien qed jghid hekk peress li dejjem kien jiggieled ma' martu... verita' jew le, jiena hekk ridt nemmen.*”

Konsapevoli ta' dan, izzewweg xorta wahda. Iz-zwieg sfaxxa ghal kollox wara xi ghaxar snin meta l-partijiet kellhom tifel, li l-Qorti tistghageb kif jissemma' biss “en passant” fl-affidavit tar-rikorrent u xejn fir-rikors promotur. It-talba tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni ta' nullita' qed tigi bbazata fuq vizzju tal-kunsens minhabba diskrezzjoni ta' gudizzjoni kif ukoll eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu.

Filwaqt li tirrimarka illi l-ezistenza taz-zewg kawzali flimkien tista' tigi konsiderata essenzjalment impossibli u

dan min-natura tal-istess kawzali, il-Qorti hi tal-fehma li ma jistax wiehed jinvoka difett ta' diskrezzjoni fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali tal-hajja mizzewga u fl-istess nifs jikkontendi illi l-partijiet (f'din il-kawza d-difett jidher li qed jigi impustat in relazzjoni maz-zewg konjugi) eskludew pozittivament iz-zwieg innifsu. Sabiex tissussisti l-eskluzjoni, jinhtieg li wiehed ikun ben konxju tal-oggett tal-istess eskluzjoni.

F'materja ta' eskluzjoni, il-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April 2009, fil-kawza "**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**" (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009), hekk irritneiet:

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens* ***Muscat vs Borg Grech noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere"*."

Fil-kaz in ezami, ma jirrizulta xejn mill-provi li jwassal ghall-konkluzjoni li l-eskluzjoni ezistiet.

Imbaghad fil-kuntest ta' difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kawza "**Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia**" (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fil-10 ta' Settembru, 1997), il-Qorti rriteniet hekk:

"*Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-*

*inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**Isabelle Zarb vs Stephen Attard**, gja' citata). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati.*"

Kif ukoll fil-kawza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo**" (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-26 ta' Ottubru, 2000), il-Qorti kellha dan xi tghid:

"*Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara, "**Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri**", P.A., 10/11/95). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ("**Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt**", P.A., 15/4/96).*"

Il-kaz in ezami jittratta sitwazzjoni ta' decizjoni zbaljata u l-Qorti ma ssib ebda raguni li tiddipartixxi mill-insenjament fuq kwotat.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------